**F’għeluq sninek fis-sema**

Illum, l-ewwel ta’ Ġunju
Hu jum għeluq sninek,
Fejn bdejt il-ħidma tiegħek
B’kelmtek qaddist ħinek.

Il-poeżija tiegħek
Mirquma wisq kemm trid,
Tagħtini l-faraġ u s-sliem
Tgħinni nerfa’ s-salib.

Ħabib, thenna mal-anġli
Ikteb għanja ħelwa,
Semmagħhieli f’widnejja
Ħa tbegħdni mid-dnewwa.

U ma’ Ġużeppi li int
Tant kont tħobb u devot,
Għidlu kelma għalija
Biex nibni mhux inħott.

U anki lil Marija
Għidilha dal-kelmtejn:
“Lil Patri Ma ħu ħsiebu
Tħallix jintemm fix-xejn”.

U issa ħabib tiegħi
Se mmur nitlob għalik,
B’hekk nifraħ tassew miegħek
Waqt li qalbi tibkik.

Imma naf fejn int qiegħed
Għax leħnek jinstema’,
Taqralu poeżija
Lil Ġesù fis-sema.

Patri Mario Attard OFM Cap
1 ta’ Ġunju 2024

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen